# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 27 ta' Jannar 2017**

**Numru 4**

**Rikors numru 11/16 AF**

**Paul Bezzina**

**v.**

**Direttur Generali (Dwana)**

**Il-Qorti:**

Illi dan huwa appell mis-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' April 2016 li qed tigi riprodotta ghall-ahjar intendiment;

> "Il-Qorti:
>
> "Rat ir-rikors ġuramentat ta' Paul Bezzina li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:
>
> "Ir-rikorrenti qieghed jipprezenta dan ir-rikors a tenur tal-artikolu 73(1) tal-Kapitolu 37 u tal-artikolu 28 tal-Kapitolu 382 tal-ligijiet ta' Malta peress illi r-rikorrenti jixtieq jikkontesta l-qbid tal-vettura b'numru ta registrazzjoni LCR865 u tal-bastiment Goldfinder effetwati mid-Direttur

Generali (Dwana) permezz ta' noti ta' qbid numru 193/2015 u 194/2015 rispettivament.

"Ir-rikorrenti huwa sid il-bastiment Goldfinder u sid il-vettura LCR865.

"Fit-30 ta' Novembru 2013, sar intervent minn ufficcjali tad-Dwana ta' Malta, in segwitu ghal-liema r-rikorrenti ghadu jrid jigi akkuzat quddiem l-Onor. Qorti tal-Magistrati (Malta) mill-Pulizija fuq istruzzjonijiet lilhom moghtija mid-Direttur Generali (Dwana) u mill-Kumissarju tat-Taxxi Interni bi ksur ta' l-Ordinanza tad-Dwana, l-Att dwar id-Dazju tas-Sisa u l-Att XXIII tal-1998 in konnessjoni mas-sejba ta' sitt elef u tletin litru Gas Oil, li allegatament ma gewx debitament dikjarati u ma thallsux fuqhom it-taxxi relattivi, l-ewwel dehra ta liema hija appuntatata ghat-22 ta' Frar 2016.

"B'kollox qed jigi allegat illi ma thallsux €2,426 f'Dazju tas-Sisa u €1,045 f'taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) fuq 6,030 litru ta' Gas Oil li allegatament ghandhom valur totali ta' €3,377, ammonti insinjifikanti meta mqabbla kemm mal-valur sostanzjali tal-bastiment Goldfinder u ma dak tal-vettura LCR865.

"L-ammont ta Gas Oil, allegament li fuqu ma thallsitx dazju, sisa u vat huwa wiehed tant insinjifikanti li l-ligi stess, f'Artikoli 63 ta' Kapitolu 37, tipprovdi li jistghu jigu mposti pieni bi ftehim fejn l-ammont ta' dazju allegatament mhux imhallas ma jaqbizx l-elfejn ewro (€2,000).

"Il-bastiment Goldfinder u l-vettura LCR865 kien maqbuda mill-pulizija, wara inkjesta, u dan fis-sena 2013, però dak iz-zmien ma nharget l-ebda nota ta' qbid da parti tal-intimat, Direttur General Dwana, liema nota harget biss issa kwazi sentejn wara!

"Matul il-kors ta' dik l-inkjesta, il-Qorti kienet, wara rikors tar-rikorrenti, ordnat ir-rilaxx tal-vettura LCR865 u tal-bastiment Goldfinder a favur tar-rikorrenti taht diversi kundizzjonijiet, u minn dak iz-zmien 'l hawn l-esponenti ghamel diversi emeljoramenti u spejjez ohra fuq il-vettur u l-bastiment in kwistjoni.

"Ricentement u cioè fit-18 ta' Novembru 2015, l-esponenti kien infurmat, tramite n-noti ta' qbid in kwistjoni li l-vettura tieghu LCR865 u l-bastiment Goldfinder kienu gew sekwestrati mid-Direttur Generali Dwana, fis-16 ta' Novembru 2015 u dan ghar-raguni li jaqraw hekk:

> "*Il-vettura fuq imsemmija, intuzat bhala mezz ta' garr ta' gas oil sugget ghall-konfiska that l-Ordinanza tad-Dwana u l-Att Dwar Dazju tas-Sisa*

"U

> "*Il-bastiment fuq imsemmija, intuzat bhala mezz ta' garr ta' gas oil suggett ghall-konfiska taht l-Ordinanza tad-Dwana u l-Att Dwar Dazju tas-Sisa*

"Filwaqt li gew kwotati l-Artikli 68(1), 69 (1)(2) tal-Ordinanza tad-Dwana, Kapitolu 37 kif ukoll l-Artiklu 17 (2) tal-Att Dwar Dazju tas-Sisa, Kapitolu 382.

"Sussegwentement u cioè fid-19 ta' Novembru 2015 inhargu l-akkuzi kriminali relattivi fil-konfront tal-esponenti, liema kawza kriminali issa tinsab appuntata ghall-ewwel dehra quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ghal nhar it-Tnejn 22 ta' Frar 2016.

"In-noti ta qbid ma jaghmlu l-ebda referenza ghad-data, reat u jew dettalji ohra rilevanti li jistghu jghinu lir-rikorrenti fil-provi tieghu f'dan il-kaz.

"Minkejja li r-rikorrenti gie servit bin-noti ta qbid li qeghdin hawn jigu kkontestati, l-fatti u r-ragunijiet 'l ghaliex tali qbid inhareg fuq dawn l-oggetti mhuwiex bl-ebda mod indikat fuq in-noti in kwistjoni izda jifforma parti minn nota ta qbid b'referenza 192/2015, fuq liema l-esponenti mhuwiex qieghed jikkontesta stante li l-prodott maqbud, allegatament gas oil, ma kien gas oil xejn izda biss sludge, li jifforma parti mix-xoghol li kien jaghmel l-esponenti bil-bastiment u l-vettura tieghu.

"Il-qbid ta' assi taht l-artikoli kwotati fin-noti ta qbid in kwistjoni jistipola pieni drakonjani u cioè t-tehid tal-assi li fuqhom jinhargu tali noti w ghalhekk skond ir-rikorrenti, n-noti ta qbid kellhom isegwu b'mod strett dak li trid il-ligi u cioè li jkun fihom ir-ragunijiet kollha 'l ghaliex il-qbid kien qieghed issir.

"Illi gia la darba li ma jidhirx li d-Direttur intimat segwa tali procedura, allura tali qbid ma sarx skond kif trid il-ligi w ghalhekk ghandu jkun dikjarat bhala null u nvalidu l-oggetti kollha maqbuda taht tali mandat ghandhom jigu rrilaxjati.

"Ir-rikorrenti jsostni li fil-kwistjoni odjerna l-esponenti kien qieghed iggorr biss sludge u cioè prodott mghobbi minn fuq bastiment iehor intiz biex jigi mormi.

"Ir-rikorrenti dejjem aggixxa b'mod korrett mad-Direttur intimat u l-operat tieghu kien dejjem wiehed regolari.

"Ta min jinnota li din ma kienetx l-ewwel darba li l-esponenti twaqqaf bi prodott simili, però wara li jsiru d-debiti verifiki, l-esponenti kien jinghata hwejgu lura stante li dejjem irrizulta li l-prodott kien sludge, u cioè x-xoghol li jkun ikkuntrattat biex jaghmel.

"Ta min jirrimarka li l-garr ta sludge minn fuq bastimenti li jkunu qieghdin ibahhru vicin ta xtutna hija parti mix-xoghol li jaghmel ir-rikorrenti bil-bastiment u l-vettura tieghu, u dan hekk kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni ta din il-kawza.

"L-imsemmi bastiment kien ikkuntratta biex jaghmel ix-xoghol in kwistjoni u cioè li jigbor l-isludge u jew prodott iehor li ma kienx tajjeb ghall-uzu u liema prodott kellu jintrema.

"Dan il-prodott kien migbur minn fuq bastiment iehor li kien jinsab ibahhar u l-istess prodott, minhabba kontaminzzjoni, ma setax jigi mormi fil-bahar internazzjonali u kien ghalhekk li l-esponenti kien inkarigat biex joffri s-servizz tieghu, li fost ohrajn kien li jigbor prodott li kellu jigi mormi.

"Gia la darba li l-esponenti kien jigi nfurmat li l-prodott kien wiehed hazin u li kellu jintrema, allura skond l-esponenti, il-prodott in kwistjoni ma kien fih l-ebda valur kummercjali u gia la darba li ma hemmx valur kummercjali, allura lanqas ma hemm dazju, jew vat x'jithallas; in oltre, u minn qari ta Kapitolu 382 tal-Ligijiet ta' Malta, il-prodott in kwistjoni ma kienx wiehed indikat fl-istess kapitolu bhala prodott li fuqu kellhu jithallas is-sisa stante li kien prodott ghar-rimi u mhux tajjeb ghall-uzu jew intenzjonat ghall-bejgh.

"Skond l-esponenti huwa dejjem ghamel id-dikjarazzjonijiet necessarji lid-Direttur intimat u dan hekk kif ser jigi pruvat ahjar waqt it-trattazjoni ta' din il-kawza u konsegwentement l-esponenti m'ghandux jahti ghal nuqqasijiet tad-Direttur intimat li jzomm kont tajjeb tad-dikjarazzjonijiet li jkun ghamel.

"Ghal kull buon fini jigi indikat li f'dan l-istadju, jekk kellu jirizulta li l-prodott in kwistjoni kien wiehed li jaqa' taht id-dispozizzjonijiet ta' Kapitolu 382, x'aktarx in-nuqqasijiet allegati mid-Direttur Generali (Dwana) lanqas ma huma imputabbli, almenu fit-totalità taghhom, lill-esponenti, izda huma dovuti ghal agir ta' terzi li nkarigaw lill-esponenti u naqsu li jindikaw dettalji importanti.

"Ghalhekk, bis-sahha tan-Nota ta' Qbid in kwistjoni, l-intimat Direttur Generali (Dwana) qieghed jittanta jippenalizza lir-rikorrent ghal reat li l-istess Direttur Generali (Dwana) jaf li r-rikorrent ma wettaqx u ghal nuqqas li ma ghamilx. Fi kliem iehor, qieghed jittanta jippenalizza lir-rikorrent unikament ghall-fatt li, fil-kors tan-negozju legittimu tieghu bhala *ship owner* ta bastiment service boat, kellu prodott li lilu kien iddikjarat bhala sludge u li sussegwentement seta' ma kien sludge xejn.

"Ghandu jinghad li Kapitolu 37, jipprovdi, f'Artikolu 63, sabiex f'kazijiet bhal dak odjern, fejn l-ammont ta dazju jkun wiehed li ma jeccedix l-elfejn ewro, jkunu impost penali minflok proceduri fil-Qorti w ghalhekk il-bastiment u l-vettura hawn maqbuda ghandhom jigi rilaxxjati u se mai, jekk jirrizulta li l-prodott in kwistjoni kien mod iehor milli sludge, jithallas id-dazju fuq.

"Ghalhekk fic-cirkustanzi l-agir tal-intimat Direttur Generali (Dwana) u l-hrug tan-Noti ta' Qbid 193/2015 u 194/2015 primarjament huma nulli 'l ghaliex ma sarux skond kif titob il-ligi u fihom nuqqasijiet formali u fit-tieni nett mhumiex gustifikati w ghalhekk hemm lok ghar-rilaxx tal-bastiment u l-vettura in kwistjoni.

"Minkejja li d-Direttur intimat kien infurmat li l-esponenti ser jikkontesta n-noti ta qbid odjerni, id-Direttur intimata ma rtirax il-qbid odjern w ghalhekk l-esponenti kellu jmexxi bil-kawza odjerna.

"A finijiet ta' kompetenza biss, jigi dikjarat li l-valur tal-bastiment Goldfinder u l-vettura LCR865 jiswew izjed minn €11,646.87.

"Intalbet din il-Qorti sabiex:

"1. Tiddikjara u tiddeciedi li n-Noti ta' Qbid 193/2015 u 194/2015 huma nulli jew fin-nuqqas li l-istess noti nhargu ingustament b'mod arbitrarju u minghajr gustifikazzjoni legali effettiva fil-konfront tar-rikorrent u ghalhekk mhux gustifikat li jibqghu fis-sehh u konsegwentement tordna r-revoka tan-Noti ta' Qbid 193/2015 u 194/2015, jew fin-nuqqas, tordna lid-Direttur intimat li jistabilixxi l-penali indikati f'Artikolu 63 tal-Kapitolu 37.

"2. Tordna lill-intimat jirrilaxxa l-bastiment Goldfinder u l-vettura LCR865 fi zmien qasir u perentorju li jigi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti.

"Bl-ispejjez kontra l-intimat li sa minn issa jibqa' ngunt in subizzjoni u b'riserva ta' kull azzjoni ohra spettanti lilu fil-konfront tal-intimat Direttur Generali (Dwana) u ta' terzi, senjatament izda mhux biss ghad-danni kollha li r-rikorrenti nomine sofra u ghad jista' jsofri kagun l-agir illegali u abbuziv da parti tal-initmat Direttur Generali Dwana kif ukoll ghat-tharis tad-drittijiet funamentali tar-rikorrent nomine kif naxxenti mill-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta.

"Rat id-dokumenti annessi.

"Rat ir-risposta tad-Direttur Generali (Dwana) li in forza tagħha, l-istess Direttur Generali wiegeb:

"(1) Illi in linea preliminari, l-azzjoni odjerna hi tardiva stante li hi preskritta ai termini tal-Artikolu 28 tal-Kap 382 peress li jirrizulta car li l-azzjoni odjerna giet intavolata wara t-trapass ta' tletin gurnata mid-data li fiha inghat taw avviz li n-Noti ta' qbid li jgibu n-numru ta' referenza 193/2015 u 194/2015 rispettivament kienu se jigi kontestati quddiem il-Qorti Civili kompetenti u ghalhekk it-talba ghandha tigi meqjusa dezerta;

"(2) Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet kif dedotti fir-Rikors Promotur huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:

"(3) Illi l-fatti tal-kaz fil-qosor huma s-segwenti:

"(i) Illi fit-30 ta' Novembru, 2013, l-ufficcjali tad-Dwana fi hdan it-taqsima tal-Infurzar, ircevew informazzjoni li r-rikorrent kien qed ihott ammont sostanzjali ta' *gasoil* sdazjat minn fuq il-bastiment *Gold Finder* illegalment ghal fuq l-art ghal go trakk bin-numru ta' registrazzjoni LCR 865; liema trakk ghalkemm minn barra kien jidher li hu parzjalment mghobbi bir-ramel, meta gie spezzjonat mill-ufficcjali koncernati irrizulta li taht ir-ramel kien hemm tank mirdum u mistur li kien maqsum f'zewg komportamenti u li kellu access minn zewg postijiet;

"(ii) Illi meta r-rikorrent Bezzina gie mistoqsi minn fejn origina l-*gasoil* sdazjat li instab fl-imsemmi trakk go tank kbir, li *del resto* kien kompletament mistur taht ir-ramel fuq l-imsemmi trakk, stqarr li kien xtara l-*gasoil* sdazjat mill-Libya; liema *gasoil* kellu kull dover li jiddikjara mad-Dwana ladarba l-*gasoil* dahal fit-territorju Malti;

"(iii) Illi mill-investigazzjonijiet relattivi irrizulta li l-*gasoil* li instab fit-tank li jforni l-magna tal-imsemmi trakk, ukoll kien jikkonsisti f'*gasoil* sdazjat li kellu kontenut ta' kubrit gholi intiz ghall-uzu marittimu u dan bi ksur tal-provvedimenti tal-Kap 382 u tat-Tieni Skeda tal-Avviz Legali 44 tal-2008 peress li l-kontenut ta' kubrit fid-*diesel* ma setgħax jaqbeż il-limitu massimu ta' 10 mg/kg f'vetturi li jintuzaw fit-toroq;

"(iv) Illi lanqas ma jidher li r-rikorrent kellu xi licenza, permess jew awtorizzazzjoni ohra tar-Regolatur dwar l-Energija u Servizzi tal-Ilma sabiex iwettaq jew jingagga f'xi attività jew operazzjoni li tirrigwarda r-rizorsi tal-energija, l-ilma u dan bi ksur tal-Att dwar ir-Regolatur dwar l-Energija u Servizzi tal-Ilma (Kap 545);

"(v) Inoltre, ma jirrizultax li r-rikorrent kellu xi awtorizzazzjoni valida skont ir-Regolament 3(1) tar-Regolamenti tal-2007 dwar il-*Petroleum* għas-Suq tal-Karburanti bl-Ingrossa fuq l-Art tal-Awtorità ta' Malta dwar ir-Rizorsi sabiex jimporta, jittrasferixxi, jippossjedi, izomm, ihallat, jew ibiegh bl-ingrossa jew jaghti lil xi persuna xi prodotti tal-petroleum;

"(vi) Illi irrizulta ukoll li l-imsemmi tank li kien mistur taht ir-ramel fuq it-trakk li hu proprjeta tar-rikorrent, kien jikkontjeni *gasoil* sdazjat bi ksur tal-provvedimenti tal-Kap 382;

"(vii) Inoltre, jirrizulta li l-imsemmi trakk la kien registrat mad-Dwana ghaz-zamma u caqliq ta' *gasoil* sdazjat li hu soggett ghad-dazju tas-SISA u lanqas ma kellu awtorizzazjoni u certifikazzjoni mill-Awtorita dwar it-Trasport f'Malta sabiex l-imsemmi trakk kif konvertit jintuza

ghall-garr u/jew hazna ta' *gasoil* li hu materjal kombustibili li kienu addirittura ta' perikolu ghal terzi u mhux konformi mar-Regolamenti tas-sahha u tas-sigurta;

"(viii) Illi mill-kampjuni rispettivi li ittiehdu minn fuq l-imsemmi tank mistur fuq it-trakk, mill-bastiment *Gold Finder* u mill-*fuel tank* tat-trakk rispettivament li huma mertu tal-azzjoni odjerna irrizulta s-segwenti:

"- in kwantu tal-*gasoil* li instab fuq il-bastiment *Gold Finder* kien *gasoil* minghajr *fiscal marker* u ghalhekk kien iddahhal f'Malta bhala kuntrabandu;

"- in kwantu ghall-*gasoil* gol-*fuel* tank li jforni l-magna tal-istess trakk irrizulta li ma kienx fih *fiscal marker* u kellu percentagg gholi ta' kubrit li ma setghax jintuza ghall-vetturi tat-triq;

"- in kwantu ghall-*gasoil* li instab mohbi f'tank mistur taht ir-ramel fuq l-istess trakk, kellu tahlita ta' 25% *gasoil duty paid* filwaqt li 75% kien *gasoil* tal-kuntrabandu li ma kellux *fiscal marker*;

"(ix) Illi mill-konkluzjoni tal-Inkjesta mill-Magistrat Inkwerenti Dottoressa Doreen Clarke datat 6 ta' Novembru, 2015 gie konkluz mill-provi migbura u mill-konstatazzjonijiet tal-Esperti inkarigati mill-istess Qorti sabiex jirrelataw, li l-*gasoil* li nstab fil-bastiment *Gold Finder* u t-trakk bin-numru ta' registrazzjoni LCR 865 u bastiment iehor li kien involut fl-akkadut bl-isem *Agostino Padre,* ma kienx konformi mal-provvedimenti doganali senjatament minhabba l-fatt li r-rikorrent Paul Bezzina u s-sidien l-ohra tal-bastiment *Agostino Padre,* li fosthom jinkludu ukoll lill-istess Paul Bezzina, kienu qed jagixxu bi ksur tal-istess provvedimenti doganali;

"(x) Illi peress li sar caqliq klandestin ta' *gasoil* li hu prodott soggett ghad-dazju tas-SISA, liema caqliq sar bi ksur tal-provvedimenti doganali ai termini tal-Artikoli 60 (b)(h)(k), u 68(1) u 69(1)(2) tal-Kap 37 (l-Ordinanza tad-Dwana) u tal-Artikolu 17(1)(a)(d) u (2) kif ukoll tar-Regolamenti 25, 27(a)(b)(c) tat-Taqsima D tas-Sitt Skeda Dwar Zjut Minerali tal-Kap 382 (Att dwar id-Dazju tas-SISA), l-esponent qabad l-imsemmi trakk u l-bastiment *Gold Finder* li kienu involuti fl-izbark u trasferiment ta' *gasoil* sdazjat;

"(xi) Illi r-rikorrent intavola l-azzjoni odjerna sabiex jikkontesta l-qbid tal-lancja *Gold Finder* u l-imsemmi trakk bin-numru ta' registrazzjoni LCR 865 filwaqt li l-*gasoil* sdazjat li gie maqbud permezz tan-Nota ta' Qbid bin-numru ta' referenza 192/2015 ma giex kontestat;

"(4) Illi t-talbiet tar-rikorrent huma insostenibbli peress li, a kuntrarju ta' dak li qed jigi allegat, irrizulta mit-testijiet xjentifici li ghamel l-Espert inkarigat mill-Magistrat Inkwerenti li l-kampjuni ta' *gasoil* sdazjat elevati mit-trakk bin-numru ta' registrazzjoni LCR 865 kemm mill-magna li tissuplixxi l-istess trakk kif ukoll mit-tank mistur fuq it-trakk u

mill-bastiment *Gold Finder*, li kollha ittiehdu fil-presenza tar-rikorrenti Bezzina, li l-bastiment *Gold Finder* kellu *gasoil* minghajr *fiscal marker* u ghalhekk kien iddahhal f'Malta bhala kuntrabandu; il-*gasoil* got-tank li jforni l-magna tal-imsemmi trakk ma kienx fih *fiscal marker* u kellu percentagg gholi ta' kubrit u b'hekk kien qed jintuza illegalment got-trakk li hu vettura tat-triq u inoltre l-*gasoil* li instab mohbi f'tank mistur taht ir-ramel fuq l-istess trakk, kellu tahlita ta' 25% *gasoil duty paid* filwaqt li 75% kien *gasoil* tal-kuntrabandu li ma kellux *fiscal marker*;

"(5) Illi l-lanjanzi tar-rikorrent Bezzina huma insostenibbli ukoll, peress li dawn il-proceduri huma unikament konsegwenza tal-agir illegali tar-rikorrent u li kieku ma giex skopert, dan kien jirrizulta f'danni ekologici u ta' sahha ghas-socjeta in generali peress li kien qed jigi utilizzat *gasoil* b'livell ta' kubrit gholi fuq l-art fl-imsemmi trakk, apparti telf sostanzjali fl-erarju pubbliku dovut bhala dazju tas-SISA u taxxa fuq il-valur mizjud. Ghalhekk, l-argumenti tar-rikorrent fis-sens li n-Noti ta' Qbid relattivi ghat-trakk LCR 865 u l-bastiment *Gold Finder* inhargu b'mod abbuziv u minghajr gustifikazzjoni legali ma jregux;

"(6) Illi l-allegazzjoni tar-rikorrent li peress li l-imsemmija Noti ta' Qbid hargu sussegwentement ghall-akkadut u/jew li ma inghatawx ragunijiet ghal tali qbid ghandu isegwi li huma nulli hija infondata ukoll, stante li l-imsemmija kampjuni tal-*gasoil* ittiehdu fil-presenza tar-rikorrent Bezzina u ghalhekk hu kien informat bl-akkadat mill-bidu nett. Inoltre, jirrizulta li l-esponent hareg in-Noti ta' Qbid rispettivi wara li giet konkluza l-Inkjesta Magisterjali datata 6 ta' Novembru, 2015, li ikkonkludiet il-bastiment *Gold Finder* u t-trakk bin-numru ta' registrazzjoni LCR 865 u l-bastiment l-iehor li kien involut fl-akkadut bl-isem *Agostino Padre* ma kinux konformi mal-provvedimenti doganali senjatament minhabba l-fatt li r-rikorrent Paul Bezzina u s-sidien l-ohra tal-bastiment *Agostino Padre* li fosthom jinkludu ukoll lill-istess Paul Bezzina, kienu qed jagixxu bi ksur tal-istess provvedimenti doganali;

"(7) Illi ghar-ragunijiet fuq esposti jirrizulta li l-esponent ottempera ruhu mal-ligi u ghalhekk l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrent li l-imsemmija oggetti ma kellhomx jigu maqbuda permezz tan-Noti ta' Qbid rispettivi li qed jigu kontestati permezz tal-azzjoni odjerna ma jregux. Inoltre, l-esponent jirribatti li ma jistax jigi mizmum responsabbli ghal xi danni kif jipprovdi fl-Artikolu 17(4) tal-Kap 382 ladarba agixxa b'mod car entro il-parametri tal-ligi;

"(8) Salv eccezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-kaz.

"Semghet lid-difensuri.

"Rat l-atti kollha.

"Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur Generali intimat.

"Ikkunsidrat illi permezz ta' dawn il-proceduri r-rikorrenti qieghed jitlob it-thassir ta' zewg noti ta' qbid li nhargu fir-rigward ta' bastiment u truck proprjetà tal-istess rikorrenti in konnessjoni ta' sejba ta' karburant. Id-Direttur Generali intimat jeccepixxi illi t-talba saret wara li kien digà skada z-zmien impost mill-ligi ghal procedura ta' din ix-xorta.

"Ikkunsidrat illi l-Art. 28 tal-Kap. 382 jipprovdi testwalment illi:

> "***28.*** *(1) Kull min jippretendi li xi oġġett maqbud ma kellux jiġi maqbud (din il-persuna hi hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan l-artikolu u fl-artikolu 29 imsejħa "ir-rikorrent") għandu, fi żmien tletin jum mid-data tal-avviż tal-qbid jagħti avviż bil-miktub dwar dik it-talba lill-Kummissarju.*
>
> "*(2) Ir-rikorrent għandu, fi żmien tletin jum mid-data li fiha jkun ingħata l-avviż, jibda proċedimenti fil-qorti ċivili kompetenti biex jiġi dikjarat li dawk l-oġġetti ma kellhomx jinqabdu, u fin-nuqqas jiġi meqjus li t-talba tkun ġiet deżerta.*
>
> "*(3) Avviż skont is-subartikolu (1) għandu jispeċifika l-isem u l-indirizz tar-rikorrent u, fil-każ ta' rikorrent li jkun barra minn Malta jew Għawdex, l-isem u l-indirizz ta' persuna f'Malta li ġiet awtorizzata minnu biex taġixxi bħala l-prokuratutr tiegħu u biex taċċetta kull dokument li hu meħtieġ li jintbagħat lir-rikorrent, u biex taġixxi f'isem ir-rikorrent."*

"Jirrizulta illi n-noti ta' qbid li wasslu ghal dawn il-proceduri jgibu d-data tat-18 ta' Novembru 2015.

"Jirrizulta wkoll illi fl-1 ta' Dicembru 2015 (hemm qbil li, ghalkemm is-sena tnizzlet bhala 2016 din l-ittra fil-fatt intbaghtet fl-2015), intbaghtet ittra lid-Direttur Generali tad-Dwana li permezz taghha inghata lid-Direttur l-avviz skond il-fuq citat provvediment tal-ligi.

"Il-proceduri odjerni inbdew fis-7 ta' Jannar 2016 u cioé wara li kien skada t-termini ta' tletin jum ai termini tal-Art. 28(2).

"Ir-rikorrenti ttenta jsostni li fid-9 ta' Dicembru 2015 huwa kien baghat avviz iehor lid-Direttur li permezz tieghu infurmah li kien qieghed jissostitwixxi l-avviz originali tal-1 ta' Dicembru. In sostenn ta' dan ir-rikorrenti esebixxa l-ittra li jghid li baghat. Ma ngabet ebda prova li l-ittra fil-fatt intbaghtet. Ir-rapprezentant tad-Direttur intimat xehed li fil-file tad-Dipartiment ma tezisti ebda tracca taghha. Hadd ma xehed li kkonsenjaha lid-Dipartiment. Din il-Qorti ma tistax tqis verosimili r-raguni moghtija mir-rikorrenti li kellha ssir is-sostituzzjoni ghaliex it-terminu kien jiskadi fl-1 ta' Jannar meta l-avukat difensur kien ser ikun indispost fil-vaganzi. Ma kien hemm xejn x'izomm lir-rikorrenti jibda l-proceduri qabel il-btajjel tal-Milied. Fic-cirkostanzi, ghalhekk din il-Qorti m'hijiex ser tqis l-ittra datata 9 ta' Dicembru 2015.

> "Ghaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti kif dedotti fir-Rikors Promotur bhala infondati fil-fatt u fid-dritt; bl-ispejjez.
>
> "Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur Generali (Dwana) u tqis it-talba dezerta.
>
> "L-ispejjez jithallsu minn Paul Bezzina".

Illi minn din is-sentenza appella r-rikorrenti Bezzina li talab ir-revoka taghha u allura li din il-Qorti tordna t-tkomplija tal-kawza fuq il-mertu. L-appellat irrrisponda billi talab il-konferma tas-sentenza.

**AGGRAVJI**

L-appellant ressaq tlett aggravji.

**L-ewwel aggravju** huwa li l-ewwel Qorti interpretat hazin l-Artikolu 28 tal-Kap. 382 tal-Ligijiet ta' Malta u ma kkonsidratx il-provi sew meta waslet ghall konkluzjoni taghha fir-rigward l-ittra allegatament mibghuta minnu fid-9 ta' Dicembru 2015. Fir-rigward tal-ahhar parti ta' dan l-aggravju dawn il-Qrati qalu diversi drabi li din il-Qorti hija wahda ta' revizjoni u ghalhekk kif qalet din l-istess Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Phyliss Ebejer v. Joseph Aquilina** (10 ta' Jannar 1995) "*il-Qorti tal-Appell tiddisturba biss id-diskrezzjoni ezercitata mil l-ewwel Qorti f'kazijiet eccezzjoniali meta si tratta ta' valutazzjoni ta' fatti*". Imbaghad fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Cini v. George Wells** (15 ta' Novembru 2004) l-istess Qorti qalet li "*Huwa principju bazilari segwit*

*minn din il-Qorti ta' revizjoni li fejn si tratta ta' apprezzament u evalwazzjoni ta' provi ta' fatt din il-Qorti qat ma tiddisturba leggerment apprezzament tal-provi li jkun sar mil l-ewwel Qorti sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi u serji bizzejjed li jissugerixxu mod iehor*".

Dan l-insenjament huwa segwit f'diversi sentenzi ohra bhal **Emanuel Cardona v. Dr Graham Busuttil**, Appell, 10 ta' Jannar 1995 u **Paul Formosa v. Salvu Debono**, Appell 5 ta' Ottubru 2001; madankollu din il-Qorti pero` f'kaz tapprezza wkoll li d-dover taghha xorta huwa li tezamina sewwa l-provi imressqa u barra minn hekk, huwa wkoll importanti li l-istess provi u l-konkluzjonijiet ta' kif graw il-fatti in kwistjoni jigu evalwati sewwa u interpretati skont il-ligijiet taghna u l-gurisprudenza l-aktar ricenti u kostanti fil-materja. (**Attard et v. Direttur tas-Sahha, Qorti tal-Appell**, 31 ta' Mejju 2014).

Fil-kaz in ezami l-appellant sostna li huwa baghat ittra ohra fid-data msemmija tad-9 ta' Dicembru 2015 biex jissostitwixxi l-ewwel ittra tieghu. l-ewwel Qorti li semghet il-provi waslet ghall-konkluzjoni li ma setghetx tasal ghall-konkluzjoni li l-appellat kienet waslitlu dik l-ittra ghaliex mill-provi mressqa mill-appellat ma kienet instabet ebda traccja taghha. F'gudizzju civili l-Qorti trid tiddeciedi fuq il-preponderanza tal-probabiltajiet (**Zammit v. Petroccochino**, Appell Kummercjali, 25 ta' Frar 1952); il-Qorti allura jehtieg li tara jekk verzjoni wahda teskludix lill-

ohra fuq bilanc ta' probabbilitajiet; b'hekk jigi evitat ir-riskju li l-Qorti taqa' fuq l-iskappatoja tad-dubbju u ssib refugju mir-regola 'in dubio pro reo' – **Enrico Camilleri v. Martin Borg**, (Appell Inferjuri, 17 ta' Marzu 2003).

Din il-Qorti ezaminat l-atti u ma jidhirliex li hemm ragunijiet li jwassluha biex tasal ghall konkluzjoni differenti minn dik raggunta mill-ewwel Qorti. Dan l-aktar ghaliex anke jekk wiehed jaccetta li l-appellant baghat l-ittra in kwistjoni, il-Qorti ma tistax taccetta sitwazzjonijiet fejn il-persuna aggravata bl-azzjoni tal-appellat, jibghat ittra wara l-ohra u kull darba jtawwal il-perjodu li fih huwa jista' jistitwixxi l-kawza. Jekk dan ikun accettat allura t-terminu ma jiskadi qatt. Kwindi independetment mill-fatt jekk it-tieni ittra waslitx, it-terminu kellu jibda ghaddej mid-data li fih intbaghtet l-ewwel ittra kif iddecidiet l-ewwel Qorti. L-aggravju ghalhekk huwa michud.

Lanqas ma huma accettabbli l-argumenti tal-appellant li ma setax ikollu kontroll fuq fatti li ma kienux jiddependu fuqu u dan ghaliex l-Art. 28(2) tal-Kap. 382 jipprovdi li terminu ta' tletin jum jibda jiddekorri "mid-data li fiha jkun inghata l-avviz" (sottolinear tal-Qorti) u mhux mid-data li fiha jkun ricevut l-avviz.

**It-tieni aggravju** huwa li skont l-appellant "*il-legislatur stess ried li jaghti .. terminu ta' sittin jum lill-persuni li jkun inhareg qbid kontra taghhom*".

Skont l-appellant allura, peress li skont l-artikolu fuq imsemmi l-appellant kellu tletin jum biex jibghat l-avviz u mbaghad tletin jum iehor minn meta jintbghat dak l-avviz biex jistitwixxi l-azzjoni, huwa kellu sittin jum zmien biex jipprezenta l-azzjoni u allura billi l-azzjoni saret entro s-sittin jum, il-kawza ma kenitx dezerta.

Dan l-argument ma jistax jigi accettat bl-ebda mod. Jekk min ihossu aggravat mill-azzjoni tal-appellat ma jibghatx l-ittra imsemmija fl-Artikolu 28 huwa ma jkunx jista' mbaghad jipprezenta l-azzjoni tieghu u jekk imbaghad ma jipprezentax l-azzjoni fit-terminu prefiss ikun hemm l-istess konsegwenza.

**Dan l-aggravju ghalhekk huwa michud ukoll.**

**Finalment** l-appellant jilmenta li l-ewwel Qorti ddecidiet "ultra vires" ghaliex l-appellant eccepixxa l-preskrizzjoni filwaqt li l-Qorti ddikjarat l-azzjoni dezerta. Anke dan l-argument mhux accettabbli ghall-Qorti; kull ma ghamlet l-ewwel Qorti kien li rrepetiet dak li tghid il-ligi kif ga msemmi. Il-fatt li l-appellant eccepixxa l-preskrizzjoni, b'ebda mod ma jfisser li l-ewwel Qorti marret oltre dak li gie eccepit; anzi ghall-precizjoni l-appellat eccepixxa li l-azzjoni "*hi tardiva stante li hi preskritta ai terminital-artiklu 28…. u ghalhekk it-talba ghandha tigi meqjusa dezerta*". Kwindi l-ewwel Qorti wara li ddecidiet li qed tilqa' l-eccezzjoni

mxiet mal-kliem tal-istess eccezzjoni u mal-kliem tal-ligi u ddikjarat l-azzjoni dezerta. Anke dan l-aggravju ghalhekk huwa michud.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi ghalhekk il-Qorti tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; l-ispejjez tal-appell ukoll a kariku tal-appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb